MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Numru 910/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND D'ANASTAS**

**VS**

**TEODOSIO BALDACCHINO**
**ETIENNE BALDACCHINO**
**EMANUEL BALDACCHINO**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Teodosio Baldacchino ta' 42 sena, iben Nazzareno u Angela nee' Micallef, imwieled l-Imqabba nhar is-26 ta' Marzu, 1962, u joqghod 139, Triq il-Kbira, Hal-Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 247662 (M);

Etienne Baldacchino ta' 18-il sena, bin Teodosio u Emmanuela nee' Tonna, imwieled Tal-Pieta, nhar it-12 ta'

Settembru, 1986, u joqghod 139, Triq il-Kbira, Hal-Qormi, detentur tal-karta tal-identita’ numru 415786 (M);

U Emanuel Baldacchino ta’ 19-il sena, bin Teodosio u Emmanuela nee’ Tonna, imwieled Tal-Pieta, nhar it-12 ta’ Settembru, 1986, u joqghod 139, Triq il-Kbira, Hal-Qormi, detentur tal-karta tal-identita’ numru 81385 (M);

U takkuzahom talli fis-6 ta’ Settembru, 2004, ghall-haba tas-6.15 ta’ filghaxija, gewwa Hal-Qormi, volotarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dan meta ikkagunaw hsara fuq vettura numru BAR 019, ghad-dannu ta’ Emanuel Pace u/jew Lucia Pace, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin, imma hija izjed minn hamsin lira maltin;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Lucia Pace;

U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew ghal Lucia Pace sabiex jingurjawha, idejquha, jew jaghmlulha hsara.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat illi fis-seduta tal-lum, l-imputat Teodosio Baldacchino ammetta ghall-akkuzi dedotti, u l-imputati l-ohra Etienne u Emmanuel Baldacchino ammettew it-tnejn ghall-ewwel u t-tielet akkuza, u dan wara li l-Qorti tat zmien xieraq skond il-Ligi lit-tlitt imputati jikkonsidraw din l-ammissjoni, li giet debitament ikkkonfermanta.

Rat l-Artikolu 325, 221, u 339 (d) tal-Kap 9, u 22 u 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja; u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna lill-imputati jhallsu s-somma ta' Lm300.00 bhala kumpens lil Emmanuel u Lucia Pace *ai termini* tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------